MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 391/2004

Kawza fil-lista: 32

**Joseph Gaffarena u Carmen Gaffarena**
**Vs**
**Mixer Concrete Works Limited [C 17858] u Mixer Limited [C 9942]**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi l-attur huwa kreditur tas-socjeta’ Mixer Limited fis-somma ta’ mitejn u hamsin elf lira (LM250,000) oltre l-imghaxijiet liema somma hija kanonizzata permezz ta’ sentenza moghtija minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta’ April 2004.

Peress illi l-istess socjeta' Mixer Limited hija kreditur tas-socjeta' Mixer Concrete Works Limited fis-somma ta' seba' mitt elf lira (Lm700,000) u dana kif ammess minn l-istess socjeta' f'xhieda minnha moghtija minn Mixer Concrete Works Limited f'kawza fl-ismijiet "Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited u Mixer Concrete Works Limited" Citaz. Nru.: 1201/99JRM.

Peress illi l-esponenti jridu jipprevalixxu ruhhom mil-fakulta prevista mill-artikolu 1143 tal-Kodici Civili u jesegwixxi l-azzjoni li huwa ntitolat ghaliha d-debitur tieghu, Mixer Limited, biex jithallas il-kreditu taghhom kontriha, mill-kreditu li din ghandha kontra s-socjeta' konvenuta Mixer Concrete Works Limited.

Peress illi b'ammissjoni stess da parti tas-socjeta' Mixer Concrete Works Limited, dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-attur, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12;

2. Tikkundanna lil Mixer Concrete Works Limited thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsin elf lira oltre l-imghax relattiv mid-data ta' l-4 ta' Gunju 1991.

3. Tikkundanna lil Mixer Concrete Works Limited thallas lis-socjeta' Mixer Limited, il-bilanc li jkun ghad fadal sas-somma ta' seba' mitt elf lira, wara li tithallas s-somma dovuta lil atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha fl-ewwel eccezzjoni taghhom eccepew:

1. Illi preliminarjament, is-sentenza moghtija msemmija (*Gaffarena Joseph et vs Mixer Ltd,* 1199/99 GV, diff. 08.10.2004) li kkanonizzat il-kreditu avvanzat mill-atturi fil-konfront ta' Mixer Limited laqghet l-appell ta' Mixer Limited in kwantu kien jikkoncerna l-kontrotalba ta' l-istess Mixer Limited u rrinvjat il-process lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta sabiex tkompli tinstema' tali kontrotalba; tali kontrotalba tista' ghaldaqstant taghti lok ghal tpacija, apparti li hija bbazata wkoll fuq l-istess kont korrenti ezistenti bejn l-atturi u s-socjeta' Mixer Ltd, b'mod illi hemm lok ghall-konnessjoni tal-kawza jew ghas-sospensjoni tal-kawza prezenti sakemm tigi deciza finalment il-kawza l-ohra msemmija; u dan billi jekk issehh tpacija jigi nieqes il-kreditu principali li fuqu hija bbazata l-*actio debitor debitoris mei* odjerna.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni;
Semghat it-trattazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat;
Illi l-fatti li fuqhom hija bazata l-ewwel eccezzjoni huma s-segwenti:

Illi permezz tac-citazzjoni odjerna l-atturi qedin jitolbu li din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Mixer Concrete Works Limited, bhala debitrici tas-socjeta' konvenuta Mixer Limited, sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm250,000.

Mill-atti jirrizulta li b' sentenza fl-ismijiet "Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited" [1199/99GV] moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' April 2004, gie kanonizzat kreditu tal-atturi fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Mixer Limited fis-somma fuq indikata ta' Lm250,000; izda l-process ta' dik il-kawza gie rimess lill-Qorti ta' l-ewwel grad sabiex din tiddeciedi l-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti f' dik il-kawza.

Illi permezz tal-kontro talba maghmula f’ dik il-kawza, Mixer Limited qed tippretendi minghand Joseph u Carmen konjugi Gaffarena, l-atturi rikonvenzjonati, ir-rifuzjoni tas-somma ta’ Lm224,455 rapprezentanti flus imhallsa in eccess ghal dak dovut lill-atturi.  Ghal din it-talba l-atturi rikonvenjzonati eccepew li, filwaqt li l-kreditu dovut lilhom [u kanonizzat permezz tas-sentenza precitata] kien bazat fuq skrittura privata, dak pretiz mill-konvenuti huma bazat fuq “kotba ta’ kumpanija u ma jifformaw ebda rabta kuntrattwali bejn il-partijiet.”[1]

Ghaldaqstant il-pozizzjoni guridika u fattwali llum hija li, filwaqt li l-atturi fic-citazzjoni odjerna huma rikonoxxuti gudizzjarjament kredituri fis-somma ta’ Lm250,000 fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta Mixer Limited, il-pretensjoni ta’ din is-socjeta’ fil-konfront ta’ l-atturi ghad trid tigi determinata mill-Qorti ta’ l-ewwel grad u ghalhekk ghadha indefenita.

Illi l-azzjoni odjerna hija bazata fuq il-principju guridiku “debitor debitoris mei est meus debitoris” skolpit fl-Artikolu 1143 tal-Kap.16.  u r-“ratio legis” tieghu huwa li l-proprjeta’ kollha tad-debitur tikkostitwixxi garanzija ghall-kreditu tal-kreditur.  Dan kollu jippresupponi li l-attur ikollu kreditu kontra d-debitur.

Illi fl-eccezzjoni in dizamina l-konvenuti qed jitlobu s-soporassessjoni tal-proceduri odjerni pendenti d-decizjoni tal-kontro talba tas-socjeta’ Mixer Limited fil-kawza precitata, stante li jekk din tigi akkolta u l-Qorti tiddeciedi li Mixer Limited minn naha taghha hija kreditrici tal-atturi, kredituri taghha, allura jkun hemm lok ghal tpacija.

Illi jinsab ritenut fil-gurisprudenza li s-soprassessjoni huwa rimedju straordinarju li l-Qorti ghandha tirrikorri ghalih biss meta hu mehtieg fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizza f’ kaz li tinqala’ kwistjoni li d-decizjoni taghha influwixxi sostanzjalment fuq l-esitu tal-kawza, u fl-istess hin ma tistax tigi esaminata fl-istess kawza jew ikun spedjenti li tigi ezaminata f’ kawza ohra separata. Is-

[1] Fol.29

soprassessjoni huwa ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta. Huwa provvediment rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi partikolari u specjali ta' kull kaz. [Vol.41C App.[1957]; Vol.46C PA.[1962]; Vol.LXXXIII.II.397 App.]

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li, ghalkemm il-kontro talba ta' Mixer Limited ghad trid tigi determinata u tenut kont ukoll li f' kaz ta' ezitu favorevoli ghal din is-socjeta' tista' topera tpacija bil-konsegwenza li l-kreditu ta' l-atturi jigi sostanzjalment ridott b' opera ta' tpacija fit-termini tal-Artikolu 1196, mill-banda l-ohra hija valida l-konsiderazzjoni li, anke f' kaz ta' ezitu favorevoli ghal Mixer Limited tal-kontra talba taghha, xorta jkun mehtieg li din l-Qorti tkompli bis-smigha tal-provi ghad-determinazzjoni tal-kawza odjerna limitatament ghall-ammont ridott ta' Lm25,545 rapprezentanti d-differenza bejn il-kreditu ta' l-attur ta' Lm250,000 u l-kreditu pretiz minn Mixer Limited ta' Lm224,455. F' dawn ic-cirkostanzi s-soprassessjoni hija kontro indikata u sservi biex sabiex tipprolunga inutilment il-kawza odjerna li, in ogni caso, f' kull kaz trid tinstema u tigi deciza rrispettivament mill-ammonti li jkunu ghadhom dovuti.
Ghal dawn il-motivi tipprovdi billi tichad it-talba ghas-soprassessjoni promossa mill-konvenuti, u tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza.

Spejjez rizervati ghal gudizzju finali

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------